# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS.) LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002**

**Numru 1**

**Avviz numru: 615/99 SM**

**Commonwealth Educational Society Ltd.**

**vs**

**Saviour u Bernardette konjugi Saliba**

**Il-Qorti,**

**Is-Sentenza appellata**

Fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2000 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi.

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 t'April ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn tmienja u sittin liri Maltin (LM268) import tal-prezz ta' diversi kotba lilhom mibjugha u kkonsenjati mill-attur nomine skond l-iskrittura tas-17 ta' Dicembru, 1997 (Dok.A) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv, u dana prevja dikjarazzjoni illi huma iddekadew mill-beneficju tal-mod u tat-terminu kif lilhom koncess mill-attur nomine fl-istess skrittura, u dan minhabba l-inadempjenza da parti taghhom rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-kotba kif indikat fl-istess skrittura permezz ta' pagamenti rateali mensili li, ai termini tal-iskrittura, kellhom jibdew jigu minnhom effettwati lill-atttur nomine b'effett mis-17 ta' Marzu, 1998, bir-rata ta' LM9.72c kull wiehed izda li baqghu ma sarux;

2. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Frar, 1999 kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet datat d-9 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Preliminarjament, Godfrey Aquilina irid jghati prova tal-mandat tieghu sabiex jipprocedi gudizzjarjament ghan-nom tas-socjeta' attrici Commonwealth Educational Society Limited kontra l-eccipjenti;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kunsens tal-konvenuti gie karpit bi pressjoni ndebita;

3. Illi in oltre l-konvenuti ghamlu l-isforzi kollha biex jinforzaw id-dritt taghhom tal-kancellament entro t-terminu pattwit;

4. Illi in oltre l-konvenuti ddepozitaw il-kotba de quo taht l-awtorita' tal-Qorti stante wkoll illi dawn i-kotba m'humiex tal-kwalita' pattwita u tal-livell mixtieq;

5 Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-kuntratt in dizamina gie konkluz bejn il-partijiet fiz-17 ta' Dicembru ta' l-1997;

2. Illi l-ordni in dizamina giet iffirmata mill-konvenuti l-konjugi Saliba;

3. Illi rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonferma li kien ukoll fihem lill-konvenuti bid-dritt taghhom li jikkancellaw dan l-ordni fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tal-kuntratt;

4. Illi skond l-istess xhud il-konsenja saret tlett gimghat wara d-data tal-kuntratt ghalkemm din ma tidhirx fid-dokument tal-konsenja;

5. Illi l-konvenuti ma onorawx il-kuntratt de quo u ghalhekk ittiehdet din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illli rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghandu jinghad li l-kawza giet intavolata mis-socjeta' stess u mhux mir-rapprezentant taghha;

Illi ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni hi michuda;

Ikkonsidrat:

Illi l-konvenuti ma resqu l-ebda prova konvincenti li permezz taghha setghu jsostnu t-tieni eccezzjoni;

Illi ghalhekk, it-tieni eccezzjoni hi michuda;

Ikkonsidrat:

Illi pero' jirrizulta li l-konsenja giet effettwata mis-socjeta' attrici abbundantement gimgha wara l-iskadenza li l-istess konvenuti kellhom biex jikkancellaw il-kuntratt pattwit bejniethom;

Illi tali morozita' ippregudikat lill-konvenuti stante li ma kellhomx il-possibilita' jezaminaw il-kotba in dizamina biex b'hekk ikunu f'posizzjoni jiffurmaw konkluzzjoni studajta fit-termini ta' l-istess kuntratt;

Illi ghalhekk dan id-dewmien ippregudika l-istess kondizzjonijiet pattwiti u irrenda tali kondizzjonijiet vizjati bi pregudizzju ghad-dritt ta' decizjoni informata tal-konvenuti;

Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Is-socjeta' attrici appellat minn din is-sentenza. Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali fid-dawl ta' l-aggravju sottomess u ssib li dan l-appell jirrizulta sostnut.

Fil-meritu, l-Ewwel Qorti dehrilha li *una volta* kien jirrizulta li l-konsenja tal-kotba kienet giet effettwata mis-socjeta' attrici aktar minn gimgha wara l-iskadenza li l-istess konvenuti kellhom biex jikkancellaw il-kuntratt pattwit bejniethom din kienet morozita' illi ppregudikat lill-konvenuti illi ma kellhomx

il-possibbilita' jezaminaw il-kotba in kwistjoni. Qari tal-ftehim bejn il-kontendenti juri b'mod car illi fil-waqt illi "*cancellation can be made by the delivery within fifteen days of the declaration of cancellation hereto attached either by hand or by registered post at the local representative's address*" is-socjeta' venditrici attrici ggarantit "*home deliveries of all merchandise*" u assigurat ukoll illi tali konsenja "*will not exceed sixty days from the date of this agreement*". Dawn il-klawsoli bla ebda dubbju kienu jfissru illi kien espressament konvenut li l-konsenja tal-kotba setghet issir sa zmien sittin jum mid-data tal-firma tal-ftehim. Ma kien hemm imkien miftiehem illi l-konsenja tal-kotba kellha ssir appena l-ftehim jigi konkluz jew li l-kompratur kellu jinghata l-opportunita' li ghall-hmistax-il gurnata jew aktar jezamina l-kotba li jithallew fil-pussess tieghu materjalment biex ikun jista' jistudjahom u jevalwahom. Indubbjament allura mill-kuntratt innifsu ma setghet qatt tirrizulta l-morozita' ravvizata fis-sentenza appellata u li, skond hi, ppregudikat lill-konvenuti bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet pattwiti proprju ghaliex, jekk xejn, il-kuntratt jindika l-oppost. Is-sentenza appellata tirrizulta allura skorretta in kwantu u sa fejn hi bbazata fuq konsiderazzjonijiet li jemanu mill-kondizzjonijiet pattwiti.

Il-konvenuti qeghdin jippretendu - u f'dan donnu sabu konfort mill-Qorti ta' Prim'Istanza - illi l-ligi specjali illi tirregola l-attivita' tad-Door to Door Salesman, il-Kap. 317, kien jakkordalhom zmien hmistax-il jum biex ihassru l-kuntratt u jirrecedu mill-ftehim mhux mid-data tal-firma tal-kuntratt imma mid-data tal-konsenja lilhom tal-merkanzija, f'dan il-kaz kotba. Di fatti huma jissottomettu illi l-legislatur haseb ghall-perjodu ta' zmien entro liema l-kompratur kellu jkollu l-opportunita' biex jezamina sewwa l-prodott u jerga' jahsibha jekk jara li tali prodott mhux ta' kwalita' u jekk jidhirlu illi ma ghandux bzonn il-prodott. Huma jargumentaw, u f'dan gew sostnuti mill-Ewwel Qorti, illi fil-kaz taghhom il-kotba gew ikkonsenjati lilhom wara li kien diga' skada z-zmien ghalihom utili biex jikkancellaw u b'hekk ma kellhomx il-possibbilita' li jezaminaw il-kotba u jiehdu decizjoni nformata dwarhom.

Dan id-dritt pero' ma jirrizultax mil-ligi li timponi t-terminu biss biex taghti opportunita' lill-kompratur biex jerga' jahsibha dwar jekk riedx jew le jikkonferma l-bejgh li jkun diga' ffirma ghalih. Fil-waqt li hu minnu li dak il-perjodu ta' hmistax-il jum jista' jigi kkunsidrat bhala *"cooling off period"* kif sottomess mill-appellati l-ligi ma kienet timponi l-ebda obbligu fuq il-venditur biex jittratta lill-kompratur b'mod differenti milli kieku kien

jittrattah kieku kien qieghed ibieghlu fil-hanut. Kienet biss tizvantaggjah (lill-venditur) sal-punt illi taghti lill-kompratur id-dritt illi jhassar il-bejgh proprju biex tevita li dan jigi b'xi mod sorpriz jew indebitament imhajjar biex jikkonkludi n-negozju.

Kien u baqa' anke f'dan il-kaz l-interess tal-kompratur li jinforma ruhhu sewwa bil-kwalita' ta' l-oggett li kien behsiebu jakkwista. Hu car illi jekk fil-kaz taht ezami ma kienx f'posizzjoni li jaghmel hekk, jew ghax il-kotba ma gewx tempestivament konsenjati lilu entro l-hmistax-il jum li fih seta' jirrecedi mill-kuntratt jew ghalhiex hu ma setax jivverifika l-kwalita' taghhom band'ohra, kien jinkombi fuqu l-obbligu illi fiz-zmien utili lilu fil-ligi koncess jaghmel dak mehtieg biex jikkancella l-ordni li kien ghamel. Fil-verita' l-kuntratt ta' komprovendita' kien konkjuz fil-gurnata meta gie ffirmat il-ftehim, anke jekk dan kien soggett ghall-kondizzjoni espressa illi l-ftehim seta' jigi xolt f'kaz illi l-kompratur jaghzel li hekk jaghmel entro z-zmien miftiehem u bil-mod fil-kuntratt prestabbilit.

Jirrizulta mill-provi illi qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' komprovendita' fis-17 ta' Dicembru 1997 il-venditur, f'ezercizzju biex ihajjar lill-kompratur kif kien naturali, ghamel

*demonstration* lill-appellati u jurihom xi *charts* u *samples* tal-kotba. Kien ukoll spjegalhom l-import tal-kuntratt u wkoll indikalhom illi setghu jikkancellaw il-ftehim billi jimlew il-Cancellation Form u jwassluha lis-socjeta' attrici minghajr ma jaghtu l-ebda raguni ghad-decizjoni taghhom. Il-konvenuti appellati sostanzjalment jaqblu ma' dawn il-fatti. Din il-Qorti ma tarax allura kif mhux biss ma hadux il-passi biex jikkancellaw l-ordni bil-mod kif espressament miftiehem, imma di piu' ghazlu illi jaccettaw il-konsenja tal-kotba anke jekk il-konvenuta wriet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici "*illi ma ridithomx*".

Lanqas hi skuza valida s-sottomissjoni illi l-appellati ppruvaw jikkuntattjaw lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici imma ma rnexxilhomx. Il-ftehim kien jistipula car u tond skond il-ligi illi d-dikjarazzjoni ta' kancellament kellha tigi konsenjata jew bl-idejn jew bil-posta registrata fl-indirizz tar-rapprezentant lokali. Anke hawn l-appellati naqsu bil-konsegwenza illi l-posizzjoni legali llum hi illi l-kuntratt kien sallum mhux kancellat. Jekk imbaghad wiehed iqis, ghall-grazzja ta' l-argument biss, illi anke sa hawn l-appellati kellhom ragun, huma certament ma kellhom l-ebda jedd illi jzommu l-kotba fil-pussess taghhom u kien messhom ghaddew ghad-depozitu ta' l-oggetti lilhom

mibjugha u minnhom suppost rigettati fir-Registru tal-Qorti biex jezimu ruhhom minn kull responsabbilita'.

Ezaminata taht kull aspett allura l-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti ma tistax tigi sostnuta ghax la tirrizulta bazata fit-termini tal-kuntratt, la mill-kelma tal-ligi u wisq anqas mill-komportament ambivolenti ta' l-appellati. L-appell tas-socjeta' attrici jirrizulta allura sostnut. Ma hemm l-ebda appell incidentali da parti tal-konvenuti appellati fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata u konsegwentement il-Qorti qed tilqa' t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Deputat Registratur

rf.